



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 21.3.2012
SWD(2012) 64 final

**DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI
SOMMARJU EŻEKUTTIV TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT**

Li jakkumpanja d-dokument

Proposta għal

DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**dwar l-infurzar tad-Direttiva 96/71/KE dwar l-impjieg ta' ħaddiema fil-qafas ta'
prestazzjoni ta' servizzi
(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

u

**Proposta għal
REGOLAMENT TAL-KUNSILL**

**dwar l-eżerċizzju tad-dritt li tieħu azzjoni kollettiva fil-kuntest tal-libertà tal-
istabbiliment u l-libertà li tipprovdi servizz
(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

{COM(2012) 130 final}
{COM(2012) 131 final}
{SWD(2012) 63 final}

DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI

SOMMARJU EŻEKUTTIV TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

Li jakkumpanja d-dokument

Proposta għal

DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar l-infurzar tad-Direttiva 96/71/KE dwar l-impjeg ta' ħaddiema fil-qafas ta' prestazzjoni ta' servizzi (Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

u

**Proposta għal
REGOLAMENT TAL-KUNSILL**

dwar l-eżerċizzju tad-dritt li tieħu azzjoni kollettiva fil-kuntest tal-libertà tal-istabbiliment u l-libertà li tipprovdi servizz (Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

1. DAĦLA

Id-Direttiva 96/71/KE¹ (minn hawn 'il quddiem: "id-Direttiva"), imsejsa fuq l-Artikolu 53(1) u 62 tat-TFUE, tiddefinixxi n-nukleu tal-kundizzjonijiet ta' ħidma obligatorji li jridu jiġu rispettati fil-pajjiż ospitanti mill-kumpaniji li jstazzjonaw temporanjament il-ħaddiema f'dak il-pajjiż. Dan jiffaċilita konsiderevolment il-provvista tas-servizzi transfruntiera billi l-fornitur tas-servizzi ma għandux għalfejn ikun jaf u japplika l-korp sħiħ tar-regoli tal-impjeg tal-pajjiż ospitanti. Fl-istess waqt, id-Direttiva tipprevedi livell sinifikanti ta' ħarsien tal-ħaddiema stazzjonati u tevita li l-kundizzjonijiet tax-xogħol fil-pajjiż ospitanti jkunu mminati minħabba l-kompetizzjoni.

Il-ħaddiema stazzjonati jaqgħu fi tliet kategoriji: il-ħaddiema stazzjonati skont kuntratt tas-servizzi, l-impjegati trasferiti bejn il-kumpaniji jew il-ħaddiema tal-aġenzija temporanji. In-nukleu ta' termini u kundizzjonijiet tal-impjeg, kif definit fl-Artikolu 3(1) tad-Direttiva (minn issa 'l quddiem ukoll: kundizzjonijiet tax-xogħol applikabbli), jinkludi: il-perjodi massimi ta' xogħol u l-perjodi minimi ta' mistrieħ; il-btajjel annwali minimi mħallsa ; ir-rati minimi ta' ħlas, li jinkludu r-rati ta' sahra; il-kundizzjonijiet tar-reklutaġġ tal-ħaddiema, b'mod partikulari l-provvista ta' ħaddiema minn impriżi ta' impjeg temporanju; is-saħħa, is-sikurezza u l-iġjene fuq ix-xogħol; il-miżuri protettivi rigward it-termini u l-kundizzjonijiet tal-impjeg ta' nisa

¹ Id-Direttiva 96/71/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 1996 dwar l-impjeg ta' ħaddiema fil-qafas ta' prestazzjoni ta' servizzi.

tqal jew nisa li welldu reċentement, tat-tfal u taż-żgħażaġh; it-trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa u dispożizzjonijiet oħra dwar in-nondiskriminazzjoni.

Sa fejn dawn it-termini u l-kundizzjonijiet ta' impjieg huma stabbiliti mil-liġi, regolament jew dispożizzjoni amministrattiva, l-Istati Membri għandhom japplikawhom għall-ħaddiema stazzjonati fit-territorju tagħhom. L-Istati Membri għandhom japplikawhom ukoll għall-ħaddiema stazzjonati jekk dawn ikunu stabbiliti permezz ta' ftehimiet kollettivi jew deċiżjonijiet ta' arbitraġġ li jkunu ġew iddikjarati universalment applikabbli skont it-tifsira tal-Artikolu 3(8). L-Istati Membri jistgħu japplikaw it-termini u l-kundizzjonijiet ta' impjieg stabbiliti minn dawn il-ftehimiet kollettivi jew id-deċiżjonijiet ta' arbitraġġ fir-rigward tal-attivitajiet oħra għajr xogħol ta' kostruzzjoni (it-tieni inċiż tal-Artikolu 3(10)) u dwar kwistjonijiet oħra għajr dawk imsemmija fl-Artikolu 3(1) fil-każ ta' dispożizzjonijiet tal-politika pubblika (l-ewwel inċiż tal-Artikolu 3(10)) skont il-liġi primarja.

Id-Direttiva tinkludi wkoll fl-Artikoli 4, 5 u 6 d-dispożizzjonijiet dwar it-tagħrif, il-kooperazzjoni amministrattiva, l-infurzar u l-ġurisdizzjoni.

2. IL-ĠBIR TAT-TAGĦRIF U L-KONSULTAZZJONI MAL-PARTIJET INTERESSATI

Mill-2009, il-Kummissjoni nediet erba' studji ta' evalwazzjoni *ex-post* dwar l-aspett soċjali, ekonomiku u legali tal-istazzjonar. Sabiex titħejja l-Valutazzjoni tal-Impatt, sar studju ta' evalwazzjoni *ex-ante* minn konsulent estern fl-2011. Il-ħidma tal-Kumitat ta' Esperti dwar l-Istazzjonar tal-Ħaddiema (ECPW) ġiet meqjusa, b'mod partikolari l-proġett pilota dwar l-iskambju ta' informazzjoni elettronika bl-użu ta' applikazzjoni separata u speċifika tas-Sistema ta' Informazzjoni dwar tas-Suq Intern (IMI) fil-qasam tal-istazzjonar tal-ħaddiema.

Il-Kummissjoni għamlet konsultazzjoni pubblika dwar 50 proposta biex jitnieda mill-ġdid is-suq uniku (il-Komunikazzjoni "Lejn Att dwar is-Suq Uniku" tas-27 ta' Ottubru 2010), inklużi żewġ proposti rigward l-inizjattivi leġiżlattivi vvalutati b'din il-Valutazzjoni tal-Impatt. Fis-27 u t-28 ta' Ġunju 2011, il-Kummissjoni organizzat Konferenza dwar id-drittijiet soċjali fundamentali u l-istazzjonar tal-ħaddiema fil-qafas tal-provvista tas-servizzi fi Brussell, li laqqgħet flimkien il-partijiet interessati ewlenin (l-Istati Membri, l-imsieħba soċjali fil-livell tal-UE u f'dak nazzjonali, l-istituzzjonijiet tal-UE u l-organizzazzjonijiet internazzjonali kif ukoll l-akkademiċi u r-riċerkaturi). F'din l-okkażjoni l-partijiet interessati u l-atturi politiċi ewlenin kellhom opportunità oħra biex jesprimu l-fehmiet tagħhom dwar l-ideat tal-Kummissjoni rigward l-alternattivi regolatorji u l-kontenut possibbli tal-inizjattivi leġiżlattivi mħabbra fl-Att dwar is-Suq Uniku: l-hekk imsejjaħ "ir-Regolament Monti II" u d-Direttiva ta' Infurzar.

3. DEFINIZZJONI TAL-PROBLEMA

3.1. Il-fenomeni tal-istazzjonar

3.1.1. Il-firxa tal-fenomeni

L-uniku sors tad-dejta disponibbli fil-livell tal-UE huwa msejjes fuq il-ġbir sistematiku tad-dejta taċ-ċertifikati E101 (2005-2009) fil-qasam tas-sigurtà soċjali, imwettaq mill-

Kummissjoni b'kooperazzjoni mal-awtoritajiet nazzjonali². Madankollu, din il-bażi tad-dejta għandha bosta limitazzjonijiet. Din tkejjel l-għadd ta' stazzjonamenti, mhux l-għadd ta' persuni stazzjonati (l-istess persuna tista' tiġi stazzjonata diversi drabi). Barra minn hekk, il-formola tas-sigurtà soċjali E101 ma tinħariġx lill-ħaddiema stazzjonati kollha, jew għaliex ma tkunx meħtieġa (l-istazzjonamenti ta' aktar minn 12-il xahar mhumiex ikkunsidrati għall-finijiet tas-sigurtà soċjali) jew għaliex xi kumpaniji ma japplikawx għall-formoli E101 meta l-ħaddiema jiġu stazzjonati, speċjalment fil-każijiet ta' stazzjonamenti fuq perjodu ta' żmien qasir ħafna.

B'dawn il-limitazzjonijiet, jista' jiġi stmat li kull sena madwar miljun ħaddiem jiġu stazzjonati minn min iħaddimhom minn Stat Membru għal ieħor.

B'rabta mal-mobilità tax-xogħol fl-UE, l-għadd ta' stazzjonamenti kien jirrappreżenta 18,5 % taċ-ċittadini barranin tal-UE-27 fil-forza tax-xogħol fl-2007. Madankollu, l-istazzjonar jikkonċerna biss sehem żgħir mill-popolazzjoni attiva totali (0,4 % tal-popolazzjoni attiva tal-pajjiżi mittenti tal-UE-15 u 0,7 % tal-popolazzjoni attiva tal-pajjiżi mittenti tal-UE-12). Filwaqt li l-istazzjonar huwa fenomenu sinifikanti f'termini ta' mobilità tax-xogħol, speċjalment f'xi pajjiżi u setturi, dan għadu fenomenu osservabbli relattivament żgħir fis-sug tax-xogħol fl-UE³.

3.1.2. *Analiżi skont is-settur*

Id-dejta disponibbli tissuġġerixxi li bħala medja fl-2009, madwar 55 % tal-ħaddiema stazzjonati kienu mibgħuta f'setturi industrijali. L-iktar wieħed importanti fost dawn is-setturi huwa s-settur tal-kostruzzjoni li kien jirrappreżenta 24 % tal-istazzjonamenti kollha. Is-settur tas-servizzi kien jirrappreżenta, bħala medja, 44 % tal-istazzjonamenti li minnhom l-aktar importanti huma l-attivitajiet tan-negożju u ta' intermedjazzjoni finanzjarja (16 %) kif ukoll it-trasport, il-ħżin u l-komunikazzjoni (7 %). Fis-settur tal-kostruzzjoni hemm preżenza qawwiya ta' SMEs fl-istazzjonar, prinċipalment bħala sottokuntratturi⁴.

Is-sejbiet ta' żewġ studji⁵ li evalwaw il-fatturi li jinfluwenzaw il-fenomenu tal-istazzjonar, jissuġġerixxu li l-fatturi li ġejjin huma l-aktar rilevanti: jidher li l-prossimità ġeografika hija l-aktar fattur rilevanti li kapaċi jispjega d-distribuzzjoni tal-flussi tal-istazzjonar (id-direzzjoni u l-firxa tal-fenomenu); l-ispejjeż tax-xogħol għall-pajjiżi ospitanti; in-nuqqas ta' xogħol u ħiliet kif ukoll ta' speċjalizzazzjoni, b'mod partikolari għall-istazzjonar minn pajjiżi bi spejjeż tax-xogħol għoljin lejn Stati Membri oħra; ir-rata tal-qgħad għall-pajjiżi mittenti (partikolarment

² Il-Kummissjoni Ewropea (2011), "L-istazzjonar tal-ħaddiema fl-Unjoni Ewropea u fil-pajjiżi tal-EFTA: Rapport dwar iċ-ċertifikati E101 maħruġa fl-2008 u fl-2009"; Il-Kummissjoni Ewropea (2011), "Il-ġbir tad-dejta amministrattiva dwar iċ-ċertifikati E101 maħruġa fl-2007".

³ Ara Idea Consult and Ecorys Netherlands, Study on the economic and social effects associated with the phenomenon of posting of workers in the European Union, Brussels, 2011. Disponibbli fuq il-websajt: <http://www.ec.europa.eu/social/posted-workers>, sommarju eżekuttiv. Il-perċentwal jipprovi biss indikazzjoni approssimattiva tal-importanza tal-istazzjonar fuq iċ-ċittadini barranin tal-UE-27 fil-forza tax-xogħol (x'aktarx li jkun sopravalutazzjoni). Min-naħa waħda, iċ-ċertifikat E101 ma jirrappreżentax ekwivalenti ta' ħaddiem full-time għal sena, min-naħa l-oħra, l-istħarriġ dwar il-forza tax-xogħol li jipprovi d-dejta dwar iċ-ċittadini barranin tal-UE-27 fil-forza tax-xogħol, ma jkoprix il-ħaddiema stazzjonati.

⁴ Idea Consult (in-nota 3 fqiegh il-paġna), case study on the construction sector, p. 164.

⁵ Ismeri Europa, Preparatory study for an Impact Assessment concerning the possible revision of the legislative framework on the posting of workers in the context of the provision of services, Abbozz tar-rapport finali; Idea Consult (in-nota 3 fqiegh il-paġna).

f'pajjiżi bi spejjeż tax-xogħol baxxi); il-livell tal-integrazzjoni tas-suq ekonomiku bejn l-Istati Membri (anki jekk inqas rilevanti).

3.1.3. *L-effetti tal-istazzjonar*

Minkejja li l-istazzjonar tal-ħaddiema għadu fenomenu marġinali meta mqabbel mal-forza tax-xogħol ġenerali, dan għandu rwol importanti fil-provvista tas-servizzi transfruntiera, f'setturi partikolari. Il-possibbiltà ta' provvista tas-servizzi fil-livell internazzjonali tirrappreżenta opportunità għall-espansjoni tan-negozji madwar l-Ewropa, b'mod partikolari għall-SMEs. L-istazzjonar jipprovdi opportunitajiet ta' negozju u impjiegi, u huwa sors ta' dħul addizzjonali fil-pajjiżi mittenti. Dan jikkontribwixxi għat-titjib tal-kompetittività u l-effiċjenza fil-pajjiżi ospitanti.

L-istazzjonar għandu implikazzjonijiet għas-swieq tax-xogħol kemm tal-pajjiżi mittenti kif ukoll dawk ospitanti. Dan joffri opportunitajiet ta' impjeg fil-pajjiżi mittenti u jirrimedja n-nuqqas ta' ħiliet u ta' xogħol fil-pajjiżi ospitanti. Għaldaqstant, l-istazzjonar jikkontribwixxi għal allokkazzjoni aktar effiċjenti tax-xogħol min-naħa għall-oħra tal-fruntieri. Madankollu, dan jista' jkollu effetti ta' "spustament" fis-swieq tax-xogħol ospitanti, fejn il-ħaddiema lokali jiġu sostitwiti minn dawk stazzjonati. L-importanza ta' dan l-effett se tiddependi fuq l-eżistenza ta' provvista żejda tax-xogħol f'setturi u fi professjonijiet partikolari. Fl-istess waqt, għandu jiġi enfasizzat li, ladarba l-ħolqien tal-impjiegi fl-UE jiddependi ferm fuq l-iżvilupp ta' suq integrat għas-servizzi, l-istazzjonar jista' jikkontribwixxi effettivament għas-sostenn tal-ħolqien tal-impjiegi.

3.2. **Il-problemi li jridu jiġu indirizzati**

3.2.1. *Il-problemi relatati mal-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-infurzar tal-kundizzjonijiet tax-xogħol applikabbli għall-ħaddiema stazzjonati, inkluż il-ħarsien tad-drittijiet tal-ħaddiema*

3.2.1.1. Il-problema 1a: In-nuqqasijiet fir-rigward tat-tagħrif għal min iħaddem u għall-ħaddiema stazzjonati

Minkejja l-obbligu fl-Artikolu 4(3) tad-Direttiva, it-tagħrif li jikkonċerna l-kundizzjonijiet tax-xogħol applikabbli fl-Istat Membru ospitanti ħafna drabi jkun diffiċli biex jinkiseb, varjabbli u ta' kwalità insuffiċjenti. Dan it-tagħrif huwa kruċjali għall-fornituri tas-servizzi sabiex jiggwarantixxu l-kundizzjonijiet tax-xogħol applikabbli u għall-ħaddiema stazzjonati sabiex jasserixxu d-drittijiet tagħhom.

3.2.1.2. Il-problema 1b: In-nuqqasijiet fil-miżuri ta' kontroll, monitoraġġ u infurzar

Skont l-Artikolu 5 tad-Direttiva, l-Istati Membri għandhom jiżguraw il-konformità mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva billi jieħdu l-miżuri xierqa, b'mod partikolari biex jiżguraw li jkun hemm proċeduri adegwati għall-infurzar tal-kundizzjonijiet tax-xogħol applikabbli. Il-mod kif jiġu mmonitorjati u infurzati d-drittijiet previsti fid-Direttiva għandu jitħalla fil-livell nazzjonali. In-nuqqasijiet fir-rigward tal-miżuri ta' kontroll, monitoraġġ u infurzar joħlqu riskju serju li l-kundizzjonijiet tax-xogħol applikabbli fl-Istat ospitanti ma jiġux rispettati, b'mod partikolari fir-rigward tal-pagi, il-ħinijiet tax-xogħol u l-kundizzjonijiet tas-saħħa u s-sikurezza. Dawn jistgħu wkoll jiffaċilitaw l-imġiba antikompetittiva. Dawn il-lakuni huma kkumplikati aktar mit-terminu qasir li jikkarakterizza l-bieċa l-kbira tal-istazzjonar li jsir, u dan jagħmel il-ħidma tal-awtoritajiet ta' kontroll aktar diffiċli.

3.2.1.3. Il-problema 1c: Ir-rekwiżiti amministrattivi u l-miżuri ta' kontroll bla bżonn imposti fuq il-fornituri tas-servizzi

L-Istati Membri għandhom iħarsu l-obbligu mnaqqax fl-Artikolu 5 tad-Direttiva skont il-liġi prevalenti tal-UE, b'mod partikolari l-libertà li jiġu pprovduti servizzi kif interpretat mill-Qorti tal-Ġustizzja. L-eżerċizzju ta' monitoraġġ fl-2007 wera li bosta Stati Membri jimponu rekwiżiti amministrattivi u miżuri ta' kontroll fuq il-fornituri tas-servizzi li huma inkompatibbli mal-liġi prevalenti tal-UE⁶.

3.2.1.4. Il-problema 1d: In-nuqqasijiet fir-rigward tal-kooperazzjoni amministrattiva

L-Artikolu 4(1) u (2) tad-Direttiva jimponi obbligi fir-rigward tal-kooperazzjoni bejn l-amministrazzjonijiet nazzjonali, u jagħmel lill-Istati Membri responsabbli għall-ħolqien tal-kundizzjonijiet meħtieġa għal din il-kooperazzjoni. Madankollu, id-dispożizzjonijiet inklużi fid-Direttiva mhumiex preċiżi biżżejjed. It-tħaddim korrett tal-kooperazzjoni amministrattiva fost l-Istati Membri huwa strument essenzjali għall-kontroll tal-konformità. L-assenza effettiva tal-kooperazzjoni msemmija fil-komunikazzjoni COM(2007) 304 timmina t-tħaddim tad-Direttiva u tista' tal-inqas parzjalment tispjega problemi oħrajn, bħall-miżuri nazzjonali ta' kontroll sproporzjonati.

3.2.1.5. Il-problema 1e: Il-ħaddiema stazzjonati mhumiex imħarsa adegwament fit-tilwim li jikkonċerna l-kundizzjonijiet ta' impjeg individwali

L-Artikolu 6 tad-Direttiva jinkludi klawżola ta' ġurisdizzjoni li tippermetti lill-ħaddiem stazzjonat li jinforza d-drittijiet tiegħu mogħtija mid-Direttiva fl-Istat ospitanti. Madankollu, hemm evidenza li tindika li l-ħaddiema stazzjonati mhumiex imħarsa adegwament fit-tilwim li jikkonċerna l-kundizzjonijiet ta' impjeg individwali.

3.2.2. *L-abbuż tal-istatus tal-ħaddiema stazzjonati biex jevadu jew jaħarbu mil-leġiżlazzjoni*

3.2.2.1. Problem Il-problema 2a: L-istazzjonar ma għadux ta' natura temporanja jew ikollu natura rotazzjonali

Sabiex tkun iġġustifikata d-differenza fit-trattament bejn il-ħaddiema stazzjonati (il-protezzjoni prinċipali) u l-ħaddiema migranti (trattament ugwali), l-istazzjonar irid ikun ta' natura temporanja. Jekk it-tul ta' żmien tal-istazzjonar ikun eċċessiv, u jsir permanenti, il-preżunzjoni wara d-differenza fl-istatus legali bejn dawn iż-żewġ kategoriji ta' ħaddiema ma tibqax valida. L-istess sitwazzjoni sseħħ jekk l-istess impjegati jew impjegati differenti jiġu ripetutament reklutati minn impriża bl-għan li jiġu stazzjonati fi Stat Membru ieħor biex iwettqu l-istess impjeg (stazzjonamenti rotazzjonali).

Il-problema hi dovuta prinċipalment għan-nuqqas ta' kriterji li jippermettu lill-awtoritajiet tal-Istati Membri jiddeterminaw jekk stazzjonament huwiex ta' natura temporanja. Id-Direttiva tiddefinixxi l-ħaddiem stazzjonat bħala ħaddiem li, għal *perjodu ta' żmien limitat* iwettaq xogħlu fit-territorju ta' Stat Membru għajr l-Istat li normalment jaħdem fih. Madankollu, ma

⁶ Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni - L-istazzjonar tal-ħaddiema fil-qafas tal-ġoti tas-servizzi: jiġu mmasimizzati l-benefiċċji u l-potenzjal tiegħu filwaqt li jkun garantit il-ħarsien tal-ħaddiema, COM(2007)304 finali.

hemm l-ebda indikazzjoni dwar in-natura temporanja tal-istazzjonar⁷. Id-Direttiva la tipprevedi limitu ta' żmien fiss u lanqas kriterji oħra biex tiġi determinata n-natura temporanja tal-permanenza fl-Istat ospitanti⁸. Lanqas ma hemm referenza għall-possibbiltà ta' stazzjonar ripetut għall-istess impjieg. Madankollu, il-leġiżlazzjoni dwar is-sigurtà soċjali li tapplika għal ħaddiema stazzjonati⁹ tistabbilixxi limitu taż-żmien ta' sentejn għall-istazzjonar u teskludi l-possibbiltà ta' stazzjonar ripetut għall-istess impjieg.

3.2.2.2. Il-problema 2b: Min iħaddem ma għandux rabta ġenwina mal-Istat Membru mittenti

Id-Direttiva tipprevedi li l-impriża tal-istazzjonar għandha tkun "stabbilita" fi Stat Membru. Dan jeżiġi l-eżistenza ta' rabta ġenwina bejn l-impriża u l-Istat Membru mittenti. Madankollu, id-Direttiva ma tfassalx il-kriterji sabiex tiġi determinata l-eżistenza ta' tali rabta ġenwina. Ir-regoli amministrattivi tas-sigurtà soċjali li japplikaw għall-istazzjonar huma iżjed espliċiti, billi jistabbilixxu l-kriterji li jippermettu d-definizzjoni aktar preċiża tal-istazzjonar. Fir-rigward tal-attivitajiet fl-Istat Membru mittenti, dawn ir-regoli jirrikjedu li impriża trid normalment twettaq attivitajiet sostanzjali fit-territorju tal-Istat Membru li fih tkun stabbilita sabiex tkun awtorizzata li tibgħat il-ħaddiema tagħha fi Stat Membru ieħor¹⁰. Sabiex jevadu jew jaħarbu mil-leġiżlazzjoni dwar l-impjieg jew is-sigurtà soċjali, jista' jkun li impjegaturi mingħajr skrupli jidderieġu l-operazzjonijiet tagħhom li jinvolvu l-istazzjonar tal-ħaddiema esklussivament lejn is-suq ta' Stat Membru ieħor, mingħajr ma jkollhom fil-fatt l-ebda attività ekonomika rilevanti fil-pajjiż fejn ikunu formalment irreġistrati.

L-użu ta' kumpaniji msejġha "kaxxa postali" huwa partikolarment problematiku f'dan ir-rigward. Dawn il-kumpaniji jinfetħu fil-pajjiż mittenti biss bl-iskop ta' evażjoni tal-leġiżlazzjoni dwar is-sigurtà soċjali u x-xogħol, ħafna drabi ta' Stat Membru ospitanti speċifiku wieħed.

3.2.3. *Il-problemi marbuta mal-interpretazzjoni kontroversjali jew mhux ċara tat-termini u l-kundizzjonijiet tal-impjieg tad-Direttiva*

3.2.3.1. Il-problema 3a: Il-kamp ta' applikazzjoni u l-livell tat-termini u l-kundizzjonijiet tal-impjieg

F'pajjiżi fejn il-pagi minimi huma stabbiliti mil-liġi jew permezz ta' ftehimiet kollettivi universalment applikabbli, l-applikazzjoni tagħhom għall-ħaddiema stazzjonati hija sempliċi, madankollu, f'pajjiżi fejn din l-għodda ma tkunx teżisti, tinħoloq sitwazzjoni inċerta għall-impriżi u l-ħaddiema.

⁷ QTĠ-UE, is-sentenza tal-11 ta' Diċembru 2003, il-Kawża C-215/01, *Schnitzer*; Aukje van Hoek u Mijke Houwerzijl, Studju dwar l-aspetti legali tal-istazzjonar tal-ħaddiema fil-qafas tal-provvista tas-servizzi fl-Unjoni Ewropea, 2011. Disponibbli fuq il-websajt: <http://www.ec.europa.eu/social/posted-workers>, p. 46-48, 187-189 (ir-rakkomandazzjonijiet 1, 11, 12).

⁸ Il-perjodi mitluba tal-impjieg preċedenti fl-Istat Membru mittenti fil-kuntest tal-istazzjonar taċ-ċittadini minn pajjiżi terzi ta' 6 jew 12-il xahar tqiesu li mhumiex kompatibbli mal-Artikolu 56 tat-TFUE mill-QTĠ-UE (il-Kawżi C-445/03, *Il-Kummissjoni vs. Il-Lussemburgu*; C-168/04, *il-Kummissjoni v l-Awstrija*; C-244/04, *Il-Kummissjoni vs. Il-Ġermanja*; Ara wkoll Aukje van Hoek u Mijke Houwerzijl, Studju dwar l-aspetti legali tal-istazzjonar tal-ħaddiema fil-qafas tal-provvista tas-servizzi fl-Unjoni Ewropea, 2011. Disponibbli fuq il-websajt: <http://www.ec.europa.eu/social/posted-workers>, ir-rakkomandazzjoni 12 (ir-rimborż tal-ispejjeż għall-ivjaġġar).

⁹ Ir-Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-kordinazzjoni ta' sistemi ta' sigurtà soċjali.

¹⁰ L-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 flimkien mal-Artikolu 14(2) tar-Regolament (KE) Nru 987/2009 u d-Deċiżjoni A2.

L-awtoritajiet tal-pajjiżi fejn ma jeżistux pagi minimi statutorji previsti fil-liġi jew fi ftehimiet kollettivi applikabbli b'mod universali, ma apprezzawx l-iskala sħiħa tal-konsegwenzi tal-inċertezza maħluqa min-nuqqas ta' dispożizzjonijiet dwar il-ħaddiema stazzjonati, jew kienu ħerqana li jiżguraw li s-sistemi tar-relazzjonijiet industrijali tradizzjonali tagħhom ma jintlaqtux mill-applikazzjoni tad-Direttiva.

3.2.3.2. Il-problema 3b: Il-livell mhux ċar ta' ħarsien fir-rigward tal-kunċett ta' "rati minimi ta' ħlas"

Huwa legalment diffiċli li wieħed jgħid liema komponenti tal-paga mħallsa jiffurmaw parti mir-rata minima ta' ħlas fl-Istat Membru ospitanti. Id-definizzjoni tal-kunċett ta' rati minimi ta' ħlas hi fil-prinċipju kwistjoni għall-Istat Membru ospitanti, li tissemma espliċitament fl-aħħar sentenza tal-Artikolu 3(1), madankollu, fil-limiti tal-ġurisprudenza tal-QTĠ-UE¹¹. Għaldaqstant, id-definizzjoni tista' tvarja minn Stat Membru għall-ieħor. L-Istati Membri jistgħu jiddeterminaw id-diversi benefiċċji u bonuses li huma inklużi fil-paga minima applikabbli. Xi Stati Membri jillimitaw id-definizzjoni għall-paga minima, filwaqt li oħrajn jinkludu tipi differenti ta' bonuses, benefiċċji jew kontribuzzjonijiet għall-fondi. Il-ġurisprudenza eżistenti¹² ma ċċaratx din il-kwistjoni.

3.2.4. *Il-problema 4: It-tensjonijiet bejn il-libertà tal-provvista tas-servizzi/tal-istabbiliment u s-sistemi nazzjonali tar-relazzjonijiet industrijali*

Id-deċiżjonijiet tal-Qorti, fl-interpretazzjoni tad-Direttiva u tad-dispożizzjonijiet tat-Trattat, fil-każijiet Viking u Laval, esponew it-tensjonijiet sottostanti bejn il-libertajiet tal-provvista tas-servizzi u tal-istabbiliment, u l-eżerċizzju tad-drittijiet soċjali fundamentali bħad-dritt ta' negozjar kollettiv u d-dritt ta' azzjoni industrijali. B'mod partikolari, id-deċiżjonijiet tqiesu mit-trejdjunjins bħala li jimponu l-iskrining tal-azzjoni industrijali mill-UE jew mill-qrati nazzjonali kull meta din l-azzjoni tista' taffettwa jew tkun ta' ħsara għall-eżerċizzju tal-libertà tal-provvista tas-servizzi jew tal-libertà tal-istabbiliment. Dawn il-perċezzjonijiet wasslu fil-passat reċenti għal effetti "mifruxa" negattivi kif wera xi tilwim industrijali transnazzjonali.

L-importanza ta' din il-problema ġiet enfasizzata fir-Rapport tal-2010 tal-Kumitat tal-Esperti tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO) dwar l-Aplikazzjoni tal-Konvenzjonijiet u r-Rakkomandazzjonijiet li esprimu "tħassib serju" dwar il-limitazzjonijiet prattiċi rigward l-eżerċizzju effettiv tad-dritt tal-istrajk, imposti mid-deċiżjonijiet tal-QTĠ-UE. Id-dritt tal-istrajk huwa minqux fil-Konvenzjoni tal-ILO Nru 87, li hi ffirmata mill-Istati Membri kollha tal-UE.

3.2.5. *L-opinjonijiet tal-imsieħba soċjali dwar il-problemi identifikati*

Il-problemi 1a, 1b, 1d u 2b huma t-tħassib komuni tal-KETU u ta' BUSINESSEUROPE. Madankollu, skont BUSINESSEUROPE l-problemi 1d u 2b biss jiġġustifikaw l-intervent fil-livell tal-UE. Fir-rigward tal-problema 1e, il-KETU hija favur sistema ambizzjuża ta' responsabbiltà konġunta u solidali, filwaqt li BUSINESSEUROPE hi kontra. Fir-rigward tal-problema 1a, il-KETU hija favur limitu ta' żmien ċar għall-istazzjonar filwaqt li BUSINESSEUROPE mhijiex. L-imsieħba soċjali għandhom fehmiet diverġenti dwar il-problemi 3a u 4 li jirriżultaw prinċipalment mill-perċezzjoni differenti tal-ġurisprudenza tal-QTĠ-UE.

¹¹ Ara f'dan ir-rigward il-Kawża C-341/05, Laval, b'mod partikolari l-punti 60 u 68.

¹² Il-Kawża C-341/02, Il-Kummissjoni vs. Il-Ġermanja.

4. OBJETTIVI

4.1. L-objettivi ġenerali

L-inizjattiva għandha tikkontribwixxi biex jintlaħqu l-objettivi tal-politika li ġejjin imsejsa fuq it-Trattat:

- L-iżvilupp sostenibbli tas-suq intern, imsejjes fuq ekonomija soċjali tas-suq kompetittiva ferm (l-Artikolu 3 tat-TUE);
- Il-libertà tal-provvista tas-servizzi bejn il-fruntieri u l-promozzjoni ta' kundizzjonijiet ekwi (l-Artikolu 56 tat-TFUE);
- It-titjib tal-kundizzjonijiet tal-ġħajxien u tax-xogħol, sabiex tkun possibbli l-armonizzazzjoni ta' tagħhom, filwaqt li jibqa' jsir titjib (l-Artikolu 151 tat-TFUE);
- Ir-rispett tad-diversità tas-sistemi tar-relazzjonijiet industrijali fl-Istati Membri u l-promozzjoni tad-djalogu bejn il-maniġment u l-ħaddiema (l-Artikolu 152 tat-TFUE).

4.2. L-objettivi speċifiċi u operazzjonali

4.2.1. Jitħarsu aħjar id-drittijiet tal-ħaddiema stazzjonati

Dawn l-objettivi operattivi li ġejjin huma marbuta ma' dan l-objettiv speċifiku:

- It-titjib tat-tagħrif dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol applikabbli għall-ħaddiema stazzjonati
- Il-possibbiltà għall-ħaddiema stazzjonati li jiddefendu d-drittijiet ta' tagħhom aħjar, inkluż fil-katini tas-sottokuntrattar
- Jiġi ċċarat ir-rwol tal-imsieħba soċjali f'attivitajiet ta' infurzar
- It-titjib tal-monitoraġġ u l-infurzar tal-kundizzjonijiet tax-xogħol applikabbli
- Tkun prevista aktar ċarezza rigward l-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet li jirrigwardaw it-termini u l-kundizzjoni tal-impjeg tad-Direttiva

4.2.2. Tiġi ffaċilitata l-provvista tas-servizzi transfruntiera u titjeb il-klima tal-kompetizzjoni ġusta

Dawn l-objettivi operattivi li ġejjin huma marbuta ma' dan l-objettiv speċifiku:

- Tkun prevista definizzjoni aktar preċiża tal-istazzjonar
- Jiġjeb it-tagħrif dwar l-obbligi tal-impreżi fir-rigward tal-kundizzjonijiet tax-xogħol applikabbli għall-ħaddiema stazzjonati
- Tkun prevista ċarezza rigward ir-rekwiżiti amministrattivi u l-miżuri ta' kontroll nazzjonali
- Titjeb il-kooperazzjoni amministrattiva bejn l-awtoritajiet nazzjonali responsabbli

- It-titjib tal-monitoraġġ u l-infurzar tal-kundizzjonijiet tax-xogħol applikabbli
- Tkun prevista aktar ċarezza rigward l-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar it-termini u l-kundizzjonijiet tal-impjieg tad-Direttiva

4.2.3. *It-titjib taċ-ċertezza legali fir-rigward tal-bilanċ bejn id-drittijiet soċjali u l-libertajiet ekonomiċi, b'mod partikolari fil-kuntest tal-istazzjonar tal-ħaddiema*

Dawn l-objettivi operattivi li ġejjin huma marbuta ma' dan l-objettiv speċifiku:

- Jiġi ċċarat li ma jeżisti l-ebda primat bejn il-libertà tal-provvista tas-servizzi/il-libertà tal-istabbiliment u d-dritt li tittieħed azzjoni kollettiva, inkluż id-dritt tal-istrajk.
- Jiġi ċċarat li d-drittijiet tal-ħaddiema jistgħu jkomplu jiġu difiżi jew individwalment jew kollettivament permezz ta' azzjoni tat-trejdjunjin f'sitwazzjonijiet transfruntiera.

5. ANALIŻI TAS-SUSSIDJARJETÀ

Il-problemi identifikati huma marbuta mal-objettivi stabbiliti mill-Artikolu 3(3) tat-TUE u l-Artikoli 56 u 151 tat-TFUE. In-nuqqas ta' ċarezza tal-qafas legali eżistenti fil-livell tal-UE huwa fl-orijini tal-problemi identifikati. Id-Direttiva eżistenti li tħalli marġinu wiesa' lill-Istati Membri fir-rigward tal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni, kif ukoll l-infurzar fil-prattika, u l-isforzi preċedenti biex jiġu indirizzati l-problemi eżistenti permezz ta' miżuri mhux vinkolanti, ma kinux biżżejjed biex jissolvew il-problemi identifikati. Għalhekk, jeħtieġ li jiġu indirizzati l-problemi 1, 2 u 3 fil-livell tal-UE sabiex jintlaħqu aħjar l-objettivi tat-Trattat. Iċ-ċarezza u ċ-ċertezza legali fir-rigward tal-problema 4 jistgħu jinkisbu biss fil-livell tal-UE. L-azzjoni hija neċessarja u proporzjonata sabiex jinkisbu aħjar l-objettivi tat-Trattat.

6. ALTERNATTIVI TA' POLITIKA

6.1. L-alternattivi u s-subalternattivi marbuta mal-problemi 1, 2 u 3

- **L-Alternattiva 1:** L-ebda bidla fil-politika (ix-xenarju bażi)
- **L-Alternattiva 2:** Intervent mhux regulatorju
 - Is-Subalternattiva 2a: Jiġu ċċarati l-obbligi tal-Istati Membri fir-rigward tal-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-infurzar tad-Direttiva, inkluż il-ħarsien tad-drittijiet tal-ħaddiema stazzjonati (billi jiġu indirizzati l-fatturi fl-orijini tal-problema nru 1)
 - Is-Subalternattiva 2b: Jiġu ċċarati l-elementi kostitwenti tal-kunċett ta' "stazzjonar" biex jiġu miġġielda aħjar l-evazzjoni u l-abbużi tar-regoli (billi jiġu indirizzati l-fatturi fl-orijini tal-problema nru 2)
 - Is-Subalternattiva 2c: Jiġu ċċarati ċerti kwistjonijiet marbuta mal-interpretazzjoni tal-aspetti differenti tat-termini u l-kundizzjonijiet tal-impjieg tad-Direttiva (billi jiġu indirizzati l-fatturi fl-orijini tal-problema nru 3)
- **L-Alternattiva 3:** Intervent regulatorju

- Is-Subalternattiva 3a: L-introduzzjoni ta' dispożizzjonijiet aktar preċiżi rigward l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-infurzar tad-Direttiva, inkluż il-ħarsien tad-drittijiet tal-ħaddiema stazzjonati (billi jiġu indirizzati l-fatturi fl-orijini tal-problema nru 1)
- Is-Subalternattiva 3b: L-introduzzjoni ta' aktar kriterji b'mezzi leġislattivi biex jiġu ċċarati l-elementi kostitwenti tal-kunċett ta' stazzjonar sabiex jiġu miġġielda aħjar l-evalazzjoni u l-abbużi tar-regoli (billi jiġu indirizzati l-fatturi fl-orijini tal-problema nru 2)
- Is-Subalternattiva 3c: Jiġu modifikati l-kamp ta' applikazzjoni u l-livell tat-termini u l-kundizzjonijiet tal-impjeg skont id-Direttiva (billi jiġu indirizzati l-fatturi fl-orijini tal-problema nru 3)

- **L-Alternattiva 4:** Jitħassar l-intervent regolatorju eżistenti (id-Direttiva)

6.2. L-alternattivi marbuta mal-problema nru 4

- **L-Alternattiva 5:** L-ebda bidla fil-politika (ix-xenarju bażi)
- **L-Alternattiva 6:** Intervent mhux regolatorju
 - Jiġi ċċarat l-eżerċizzju tal-libertà tal-istabbiliment u l-libertà tal-provvista tas-servizzi flimkien mad-drittijiet soċjali fundamentali permezz ta' Komunikazzjoni
- **L-Alternattiva 7:** Intervent regolatorju
 - L-introduzzjoni b'mezzi leġislattivi, tar-regoli maħsuba biex jiċċaraw kif l-eżerċizzju tad-dritt soċjali fundamentali għal azzjoni kollettiva jista' jsir kompatibbli mal-libertà tal-istabbiliment u l-libertà tal-provvista tas-servizzi

7. L-IMPATTI EKONOMIĊI, SOĊJALI U AMBJENTALI PRINĊIPALI TA' KULL ALTERNATTIVA

Fir-rigward tal-alternattivi tal-politika li jikkonċernaw l-istazzjonar tal-ħaddiema, l-impatt tal-pakketti differenti (kombinazzjonijiet tas-subalternattivi) jiġi vvalutat fl-isfond tax-xenarju bażi (l-alternattiva 1). Il-pakketti jindirizzaw il-fatturi kollha fl-orijini tal-problemi elenkati taħt l-intestaturi 1, 2 u 3 b' 'mezzi leġislattivi jew mhux leġislattivi sabiex tiġi żgurata l-komparabilità. Il-pakketti li jindirizzaw il-fatturi fl-orijini tal-problemi raggruppati taħt in-nru 1 b'mezzi mhux leġislattivi (ara t-taqsimu 6.1) mhumieq se jitqiesu għal aktar analiżi billi l-isforzi preċedenti biex jiġu indirizzati dawn il-problemi b'mezzi mhux leġislattivi ma laħqux l-oġettivi tagħhom. Għaldaqstant, il-pakketti li ġejjin se jiġu meqjusa.

	Subalternattiva li tindirizza l-fatturi fl-orijini tal-problema nru 1	Subalternattiva li tindirizza l-fatturi fl-orijini tal-problema nru 2	Subalternattiva li tindirizza l-fatturi fl-orijini tal-problema nru 3
Pakkett A	3a	2b	2c
Pakkett B	3a	3b	2c
Pakkett C	3a	2b	3c

Pakkett D	3a	3b	3c
intervent b'mezzi mhux leġislattivi; intervent b'mezzi leġislattivi			

Fir-rigward tal-alternattivi tal-politika li jikkonċernaw it-tensjonijiet bejn il-libertà tal-provvista tas-servizzi/tal-istabbiliment u s-sistemi nazzjonali tar-relazzjonijiet industrijali (il-problema nru 4), l-alternattiva 6 (l-intervent b'mezzi mhux leġislattivi) u l-alternattiva 7 (l-intervent leġislattiv) huma vvalutati fl-isfond tax-xenarju bażi (l-alternattiva 5).

7.1. L-Alternattiva 1: Il-linja bażi tal-istazzjonar tal-ħaddiema

7.1.1. L-Impatt Ekonomiku

In-nuqqasijiet kontinwi rigward it-tagħrif, il-monitoraġġ u l-infurzar, l-inċertezza legali rigward ir-rekwiżiti amministrattivi kif ukoll l-abbużi u l-evaljazzjoni tar-regoli applikabbli, se jkomplu jkollhom effetti negattivi fuq il-kompetizzjoni ġusta u t-tħaddim tas-suq uniku. L-SMEs huma partikolarment sensitivi għall-kompetizzjoni inġusta fir-rigward tal-ispejjeż tax-xogħol u se jkomplu jintlaqtu minn dawn in-nuqqasijiet.

7.1.2. L-impatt soċjali

L-impatt negattiv fuq il-kompetizzjoni ġusta se jaffettwa indirettament is-swieq tax-xogħol, l-opportunitajiet tax-xogħol u d-drittijiet tal-ħaddiema f'setturi u reġjuni fejn l-istazzjonar huwa kkonċentrat f'pajjiżi ospitanti. Minħabba l-konverġenza tal-paġi, dan l-effett jista' jonqos xi ftit.

7.2. Il-Pakkett A (Il-miżuri regolatorji biex tiġi trattata l-problema nru 1, flimkien mal-miżuri mhux regolatorji biex jiġu trattati l-problemi 2 u 3)

7.2.1. L-Impatt Ekonomiku

Il-Pakkett A (is-subalternattiva 3a) se jikkontribwixxi għall-kompetizzjoni ġusta u għal kundizzjonijiet aktar ekwi billi jipprovdni għal aktar ċarezza fir-rigward tal-monitoraġġ, il-kontrolli, l-infurzar (inkluża r-responsabbiltà konġunta u solidali), u l-kooperazzjoni amministrattiva. Dan se jiffaċilita l-provvista tas-servizzi transfruntiera billi jiċċara r-rekwiżiti amministrattivi li l-Istati Membri jistgħu jimponu fuq il-fornituri tas-servizzi. It-tiħiħ ta' ċertezza regolatorja u tal-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri se jnaqqas l-ostakli għall-provvista tas-servizzi u jgħolq effetti pożittivi fuq l-iżvilupp tas-suq uniku. L-iffaċilitar tal-provvista tas-servizzi transfruntiera se jżid il-kompetizzjoni fis-suq intern għas-servizzi.

L-SMEs huma partikolarment sensitivi għall-kompetizzjoni inġusta. Għaldaqstant, dawn se jibbenefikaw minn infurzar aħjar tad-Direttiva eżistenti, kundizzjonijiet aktar ekwi u kompetizzjoni aktar ġusta. Fir-rigward tal-kompetizzjoni inġusta fir-rigward tal-ispejjeż tax-xogħol, l-impatt pożittiv fuq l-SMEs fil-pajjiżi ospitanti se jkun saħansitra aktar sinifikanti. L-ispejjeżijiet effettivi u adegwati inklużi l-valutazzjoni tar-riskji, it-titjib tal-kooperazzjoni amministrattiva, l-eżekuzzjoni transfruntiera tal-multi u r-responsabbiltà konġunta u solidali (rigward l-ispejjeż, ara aktar 'l isfel) se jikkontribwixxu biex tiġi infurzata aħjar id-Direttiva. Madankollu, l-impatt pożittiv se jkun inqas sinifikanti milli fil-pakketti B u D billi l-pakkett A mhux se jipprevedi ċ-ċarezza legali vinkolanti rigward id-definizzjoni tal-istazzjonar kif ukoll id-dispożizzjonijiet li jimmiraw li jnaqqsu l-abbużi. L-SMEs, speċjalment fil-pajjiżi mittenti, se jibbenefikaw minn titjib tat-tagħrif dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol applikabbli u ċ-ċarezza legali dwar ir-rekwiżiti amministrattivi fl-Istat Membru ospitanti. Dawn se

jibbenefikaw b'mod partikolari mit-tneħħija ta' xi forom sproporzjonati ta' miżuri ta' kontroll li jimplikaw spejjeż żejda.

L-ispejjeż għall-Istati Membri: Il-piż amministrattiv marbut mal-aċċess għat-tagħrif hu mistenni li jammonta għal madwar EUR 90 000 (spejjeż ta' darba) u EUR 180 000 (spejjeż rikorrenti kull sena) għall-UE kollha kemm hi. L-Istati Membri se jibbenefikaw mill-użu tal-IMI, minn kooperazzjoni amministrattiva aħjar u mill-infurzar transfruntier tal-multi. L-użu tal-IMI se jnaqqas l-ispejjeż għall-Istati Membri. L-ispejjeż għall-kumpaniji: L-ebda piż amministrattiv għall-kumpaniji mhu marbut mal-pakkett A. L-ispejjeż indiretti addizzjonali tal-konformità ta' madwar EUR 2 miljun jistgħu jkunu mistennija min-negozji li jadattaw il-valutazzjoni tar-riskju tagħhom fl-għażla tas-sottokuntratturi għall-introduzzjoni tar-responsabbiltà konġunta u solidali f'dawk l-Istati Membri fejn mhijiex fis-seħħ sistema bħal din. Madankollu, jista' jkun mistenni tnaqqis fl-ispejjeż tal-konformità b'riżultat ta' aċċess aħjar għat-tagħrif u tnaqqis tar-rekwiżiti amministrattivi tal-Istati Membri (miżuri nazzjonali ta' kontroll) previsti mill-pakkett A.

7.2.2. *L-impatt soċjali*

It-tnaqqis tan-nonosservanza tal-kundizzjonijiet tax-xogħol applikabbli u l-infurzar aħjar tad-drittijiet tal-ħaddiema stazzjonati se jkollhom impatt pożittiv fuq it-tensjonijiet eżistenti fir-rigward tal-istazzjonar fil-pajjiżi ospitanti bi spejjeż tax-xogħol għoljin. Madankollu, l-impatt se jkun inqas sinifikanti milli fil-pakketti B u D billi l-pakkett A mhux se jipprevedi ċ-ċarezza legali vinkolanti rigward id-definizzjoni tal-istazzjonar kif ukoll id-dispożizzjonijiet li jimmiraw li jnaqqsu l-abbużi. It-tagħrif trasparenti u ċ-ċarezza rigward ir-rekwiżiti amministrattivi se jaffettwaw b'mod pożittiv l-oportunitajiet tas-suq għad-ditti li jibagħtu l-ħaddiema. Il-kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-impjeg tal-ħaddiema stazzjonati se jittjiebu minħabba tagħrif, monitoraġġ u infurzar aħjar. Fl-istess waqt il-pressjoni 'l isfel fuq il-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema lokali fil-pajjiżi ospitanti, se tonqos.

7.3. **Il-Pakkett B (Il-miżuri regolatorji biex jiġu trattati l-problemi 1 u 2, flimkien mal-miżuri mhux regolatorji biex tiġi trattata l-problema 3)**

Il-pakkett B huwa fil-parti l-kbira identiku għall-pakkett A. Madankollu, dan jipprovdi għal regoli vinkolanti fir-rigward tad-definizzjoni tal-istazzjonar u d-dispożizzjonijiet addizzjonali mmirati lejn it-tnaqqis tal-abbużi u l-evazzjoni tal-kundizzjonijiet tax-xogħol applikabbli. Għaldaqstant, l-impatti pożittivi rigward il-kompetizzjoni ġusta u l-kundizzjonijiet aktar ekwi, id-drittijiet tal-ħaddiem u l-kwalità tal-impjeg kif ukoll it-tnaqqis tal-pressjoni 'l isfel potenzjali fuq il-pagi lokali, huma aktar sinifikanti milli fil-pakkett A (l-ebda tibdil fl-ispejjeż).

7.4. **Il-Pakkett C (Il-miżuri regolatorji biex jiġu trattati l-problemi 1 u 3, flimkien mal-miżuri mhux regolatorji biex tiġi trattata l-problema 2)**

7.4.1. *L-Impatt Ekonomiku*

Il-pakkett C (is-subalternattiva 3c) jagħti lill-Istat Membru ospitanti l-possibbiltà li jimponi fuq l-impriżi barranin sett usa' ta' kundizzjonijiet tax-xogħol milli hu attwalment previst fl-Artikolu 3 tad-Direttiva. Dan jippermetti wkoll li jiġu stabbiliti għall-ħaddiema stazzjonati pagi li jkunu oġġla mir-rata tal-paga minima stabbilita mil-liġi jew permezz ta' ftehim kollettiv.

Bħall-pakkett A u B, din is-subalternattiva se tiffaċilita l-provvista tas-servizzi transfruntiera billi tiċċara r-rekwiżiti amministrattivi li l-Istati Membri jistgħu jimponu fuq il-fornituri tas-servizzi. It-tiġh ta' ċertezza regolatorja u tal-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri se jnaqqas l-ostakli għall-provvista tas-servizzi u joħloq effetti pożittivi fuq l-iżvilupp tas-suq uniku. Madankollu, l-inċentiv ekonomiku għall-istazzjonar u għalhekk għall-provvista tas-servizzi transfruntiera se jtnaqqas sew f'dan il-pakkett. L-impriżi barranin iridu jkunu jafu fid-dettall il-korp sħiħ tal-liġi tax-xogħol tal-Istati Membri kollha fejn beħsiebhom jstazzjonaw il-ħaddiema. It-trattament indaqs tal-ħaddiema stazzjonati fir-rigward tal-pagi joħnoq id-differenza fl-ispiża tal-pagi, li hija inċentiv għall-istazzjonar. Tabilħaqq, dan joħloq diżinċentiv minħabba l-ispejjeż żejda marbuta mal-istazzjonar (it-trasport, l-akkomodazzjoni, il-formalitajiet amministrattivi). Għalhekk, din l-alternattiva se tnaqqas il-kompetizzjoni fis-suq intern għas-servizzi f'ċerti setturi u reġjuni. Id-ditti lokali f'pajjiżi bi spejjeż tax-xogħol għoljin se jibbenefikaw mit-tnaqqis tal-kompetizzjoni fir-rigward tal-ispejjeż tax-xogħol. Madankollu, id-ditti tal-pajjiżi mittenti jtilfu l-opportunitajiet tan-negozju.

7.4.2. *L-impatt soċjali*

L-estensjoni tal-ħarsien tal-ħaddiema stazzjonati lil hinn min-nukleu tal-kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-impjeg obbligatorji u/jew il-provvediment għal paga daqs tal-ħaddiema lokali, jistgħu jnaqqsu l-flussi tal-istazzjonar u jkollhom impatt negattiv fuq l-opportunitajiet tax-xogħol għall-ħaddiema f'pajjiżi bi spejjeż tax-xogħol baxxi. Id-ditti lokali u l-ħaddiema fil-pajjiżi ospitanti bi spejjeż tax-xogħol għoljin se jibbenefikaw, fil-prinċipju, mit-tnaqqis fil-kompetizzjoni fir-rigward tal-ispejjeż tax-xogħol. It-tiġh tal-infurzar tad-drittijiet tal-ħaddiema stazzjonati se jkollu impatt pożittiv fuq il-kompetizzjoni ġusta fir-rigward tal-istazzjonar fil-pajjiżi ospitanti bi spejjeż tax-xogħol għoljin. Madankollu, l-impatt pożittiv fuq il-kompetizzjoni ġusta huwa inqas sinifikanti fl-isfond tax-xenarju bażi milli fil-pakkett B jew D billi l-pakkett C mhux se jnaqqas l-abbużi u l-evażjoni tar-regoli applikabbli permezz ta' ċarezza legali vinkolanti rigward id-definizzjoni tal-istazzjonar u d-dispożizzjonijiet immirati biex inaqqsu l-abbużi. L-impatt f'dan ir-rigward huwa simili għall-pakkett A. Fl-istess waqt, iż-żieda b'mod sinifikanti tal-livell ta' ħarsien tal-ħaddiema stazzjonati tista' żżid l-abbużi u l-evażjoni tar-regoli applikabbli kif ukoll ix-xogħol mhux iddikjarat, jekk din ma tkunx ikkumpensata minn sforzi addizzjonali li jirrigwardaw il-monitoraġġ, il-kontroll u l-infurzar. Il-kundizzjonijiet tax-xogħol indaqs għall-ħaddiema lokali u stazzjonati se jnaqqsu ferm il-flussi tal-istazzjonar legali.

7.5. **Il-pakkett D (Il-miżuri regolatorji biex jiġu trattati l-problemi 1, 2 u 3)**

L-impatt tal-pakkett D huwa qrib l-impatt tal-pakkett C. Madankollu, l-impatt pożittiv tal-pakkett D fuq il-kompetizzjoni ġusta u l-kundizzjonijiet aktar ekwi huwa iktar sinifikanti fl-isfond tax-xenarju bażi milli fil-pakkett C billi l-pakkett D se jnaqqas l-abbużi u l-evażjoni tar-regoli applikabbli billi jipprovi ċarezza legali vinkolanti rigward id-definizzjoni tal-istazzjonar u d-dispożizzjonijiet immirati biex inaqqsu l-abbużi. F'dan ir-rigward, l-impatti huma simili għall-pakkett B.

7.6. L-Alternattiva 5: Linja bażi marbuta mat-tensjonijiet bejn il-libertà tal-provvista tas-servizzi/tal-stabbiliment u s-sistemi nazzjonali tar-relazzjonijiet industrijali (il-problema 4)

7.6.1. L-Impatt Ekonomiku

L-inċertezza regolatorja f'każ ta' kunflitti se jkollha impatt negattiv fuq it-tħaddim tas-suq intern. Il-possibbiltà ta' telf tas-sostenn għas-suq uniku minn parti importanti tal-partijiet interessati, jkollha impatt negattiv sinifikanti. Din toħloq ambjent ostili għall-fornituri tas-servizzi u tista' tinkludi mġiba protezzjonista.

7.6.2. L-impatt soċjali

L-inċertezza regolatorja f'każ ta' kunflitt bejn id-dritt tal-istrajk u l-libertajiet ekonomiċi fundamentali, toħloq riskju ta' talbiet għad-danni. Id-dubji dwar ir-rwol tal-qrati nazzjonali fir-rigward tat-twettiq tat-test ta' proporzjonalità rigward l-istrajks fil-kunflitti transfruntiera, jistgħu jipprevjenu t-trejdjunjins milli jaqdu r-rwol tagħhom fil-ħarsien tad-drittijiet tal-ħaddiema. Dan johlq impatt negattiv fuq il-ħarsien tad-drittijiet tal-ħaddiema. Hemm impatt negattiv dirett fuq l-Artikolu 28 tal-Karta (Id-dritt ta' negozjar u ta' azzjoni kollettivi) billi l-inċertezza regolatorja f'dan il-kuntest se ddgħajef l-involviment tat-trejdjunjins fil-ħarsien tad-drittijiet tal-ħaddiema.

7.7. L-Alternattiva 6: L-intervent mhux leġiżlattiv

7.7.1. L-Impatt Ekonomiku

Jekk jiġi ċċarat sa fejn it-trejdjunjins jistgħu jużaw id-dritt tal-istrajk f'sitwazzjonijiet transfruntiera li jinvolvu l-libertà tal-provvista tas-servizzi u l-libertà tal-istabbiliment, dan ikollu impatt pożittiv fuq it-tħaddim tas-suq uniku, sal-punt li jnaqqas il-lok għall-inċertezza legali.

7.7.2. L-impatt soċjali

Hemm effett pożittiv indirett fuq il-ħarsien tad-drittijiet tal-ħaddiema, billi din l-alternattiva tiċċara r-rwol tal-imsieħba soċjali fil-ħarsien tad-drittijiet tal-ħaddiema f'każ ta' kunflitt soċjali transfruntier kif ukoll tippredvi aktar ċertezza legali f'każ ta' kunflitt bejn id-dritt tal-istrajk u l-libertajiet ekonomiċi fundamentali. Din tista' ssaħħa l-involviment tat-trejdjunjins fil-ħarsien tad-drittijiet tal-ħaddiema billi tippredvi aktar ċarezza legali f'każ ta' kunflitt bejn id-dritt tal-istrajk u l-libertajiet ekonomiċi fundamentali. Din il-kjarifika jista' jkollha effett pożittiv indirett fuq it-tħaddim tas-sistemi tar-relazzjonijiet industrijali nazzjonali. Billi l-kontenut materjali tad-dritt tal-istrajk ivarja bejn l-Istati Membri, l-enfasi fuq ir-rwol importanti tal-qrati nazzjonali fl-applikazzjoni tat-test tal-proporzjonalità fuq bażi ta' każ b'każ kif ukoll ir-rikonċiljazzjoni tal-eżerċizzju tad-drittijiet soċjali fundamentali u l-libertajiet ekonomiċi, għandhom jaffettwaw b'mod pożittiv is-sistemi tar-relazzjonijiet industrijali nazzjonali.

7.8. L-Alternattiva 7: L-intervent leġiżlattiv

L-alternattiva 7 għandha l-istess impatti pożittivi bħall-alternattiva 6, sal-punt li ssegwi l-istess objettiv ta' kjarifika tal-ġurisprudenza tal-QTĠ-UE. L-impatti għandhom ikunu aktar sinifikanti billi Regolament jipprevdi aktar ċertezza legali minn liġi mhux vinkolanti (l-alternattiva 6). Jista' jkun hemm impatti pożittivi addizzjonali permezz ta' dispożizzjoni

ulterjuri dwar il-mekkaniżmu ta' twissija. Barra minn hekk, intervent leġiżlattiv jesprimi approċċ politiku li juri aktar impenn min-naħa tal-Kummissjoni biex tirreaġixxi għal problema li hija kawża ta' tħassib kbir għall-unions u partijiet tal-Parlament.

7.8.1. L-Impatt Ekonomiku

L-istabbiliment ta' mekkaniżmu ta' twissija għas-sitwazzjonijiet li jikkawżaw ħsara serja jew tfixkil gravi, jew li joħolqu taqlib soċjali, se jkollu impatt pożittiv indirett, sal-punt li dan iżid it-trasparenza u jipprovdi tagħrif f'waqtu lill-Kummissjoni, lill-awtoritajiet nazzjonali u lill-partijiet interessati tal-Istati Membri kkonċernati, li jistgħu jintervjenu jekk ikun meħtieġ.

7.8.2. L-impatt soċjali

Sakemm din l-alternattiva tiċċara l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li ma hemm l-ebda kunflitt inerenti bejn l-eżerċizzju tad-dritt li tittieħed azzjoni industrijali, inkluż id-dritt jew il-libertà tal-istrajk u l-libertajiet ta' stabbiliment u tal-provvista tas-servizzi, jew il-primat ta' wieħed fuq l-ieħor, din se jkollha impatt pożittiv fuq l-Artikolu 28 tal-Karta. Ir-rikonoxximent li l-imsieħba soċjali għandhom ir-rwol ewlieni li jieħdu azzjoni biex iħarsu d-drittijiet tal-ħaddiema, inkluż permezz ta' azzjonijiet industrijali, se jiċċara wkoll li ma teżisti l-ebda inkompatibilità fir-rigward tal-Konvenzjoni tal-ILO Nru 87.

7.9. Il-fehmiet tal-imsieħba soċjali dwar l-alternattivi tal-politika

Fir-rigward tal-istazzjonar tal-ħaddiema l-imsieħba soċjali t-tnejn jaqblu li l-azzjoni fil-livell tal-UE hija meħtieġa, għajr l-alternattiva 1 (ma jsir xejn) u l-alternattiva 4 (tiġi revokata d-Direttiva). L-alternattiva preferuta tal-KETU tkun il-pakkett D. Skont BUSINESSSEUROPE, kooperazzjoni amministrattiva aħjar hija biżżejjed biex tindirizza l-problemi eżistenti. Bħala riżultat, il-pakkett A diġà jitqies li hu mifruq wisq, b'mod partikolari fir-rigward tar-responsabbiltà konġunta u solidali.

Rigward il-problema ta' tensjonijiet bejn is-sistemi tar-relazzjonijiet industrijali nazzjonali u l-libertajiet ekonomiċi, il-KETU hi favur intervent leġiżlattiv li jipprovdi għal primat tad-drittijiet soċjali fuq il-libertajiet ekonomiċi. Dan imur lil hinn mill-alternattiva 7. BUSINESSSEUROPE tqis li mhijiex meħtieġa azzjoni mill-UE

8. IT-TQABBIL TAL-ALTERNATTIVI MAL-ALTERNATTIVA PREFERUTA

L-alternattivi ġew imqabbla, fejn għandha x'taqsam l-effettività, l-effiċjenza u l-koerenza tagħhom, mal-objettivi ġenerali tal-UE.

L-alternattiva preferuta hija taħlita tal-pakkett B u l-alternattiva 7. Il-pakkett B huwa ġeneralment l-aktar effettiv u effiċjenti fl-indirizzar tal-objettivi speċifiċi "Jitħarsu aħjar id-drittijiet tal-ħaddiema stazzjonati", "Titjeb il-klima tal-kompetizzjoni ġusta" "Tiġi ffaċilitata l-provvista tas-servizzi transfruntiera". Dan hu wkoll partikolarment koerenti fir-rigward tal-objettivi ġenerali. L-alternattiva 7 hija l-aktar effettiva u effiċjenti fir-rigward tal-objettiv speċifiku "Jitnaqqsu t-tensjonijiet bejn is-sistemi tar-relazzjonijiet industrijali nazzjonali u l-libertà li jiġu pprovdu s-servizzi". L-alternattiva hija partikolarment koerenti fir-rigward tal-objettivi ġenerali.

L-alternattiva preferuta hija proporzjonata billi l-ispejjeż huma relattivament żgħar filwaqt li l-benefiċċji huma sinifikanti.

Il-pakkett B jista' jinkiseb permezz ta' Direttiva ġdida ta' infurzar separata li tkun tesprimi b'mod aktar ċar l-oġġettivi tal-politika tal-Kummissjoni – it-titjib u t-tisħiħ tat-traspożizzjoni, l-implimentazzjoni u l-infurzar fil-prattika tad-Direttiva, inklużi l-miżuri biex jipprevjenu u jissanzjonaw kwalunkwe abbuż u evażjoni tar-regoli applikabbli - minn proposta li temenda d-Direttiva eżistenti. Id-Direttiva ta' infurzar tkun imsejsa fuq l-istess bażi legali bħad-Direttiva 96/71 (l-Artikoli 53 u 62 tat-TFUE).

Tkun trid tiġi adottata, abbażi tal-Artikolu 352 tat-TFUE, inizjattiva leġiżlattiva li tiċċara l-eżerċizzju tad-dritt fundamentali għal azzjoni kollettiva fil-kuntest tal-libertà ta' stabbiliment u l-libertà li jiġu pprovduti s-servizzi. Inizjattiva bħal din ma tistabbilixxi regoli dwar l-eżerċizzju tad-dritt tal-istrajk.

9. IL-MONITORAĠĠ U L-EVALWAZZJONI

9.1. Monitoraġġ

Il-monitoraġġ se jseħħ permezz tar-Rapporti ta' Implimentazzjoni maħruġa mill-Kummissjoni. Il-kumitat tal-esperti tal-ECPW għandu jżomm ir-rwol tiegħu fis-segwitu tal-implimentazzjoni tad-Direttiva. Ladarba jiġi ċċarat il-kontenut tal-azzjoni futura, il-Kummissjoni flimkien mal-ECPW se tiżviluppa sett strettament limitat ta' indikaturi li jkopru l-aspetti rilevanti tat-tħaddim tad-Direttiva. Il-proposta inizjali għal lista ta' indikaturi li jridu jiġu segwiti hija din li ġejja (is-sors tat-tagħrif huwa provdut wara kull indikatur): (i) in-numru ta' tfittxijiet fuq websajts nazzjonali dedikati għall-istazzjonar (provduti mill-Istati Membri); (ii) in-numru ta' proġetti ta' kooperazzjoni bejn il-pajjiżi dwar l-istazzjonar sostnuti mill-awtoritajiet nazzjonali jew mill-imsieħba soċjali (l-Istati Membri); (iii) in-numru ta' talbiet magħmula permezz ta' applikazzjoni speċjali IMI għall-istazzjonar (il-Kummissjoni); (iv) l-għadd ta' każijiet ta' tilwim fil-qrati nazzjonali (l-Istati Membri); (v) il-perċentwal ta' spezzjonijiet li jwasslu għal sanzjonijiet (l-Istati Membri); (vi) in-numru ta' każijiet irrappurtati skont il-mekkaniżmu ta' twissija stabbilit għal kunflitti industrijali transfruntiera (il-Kummissjoni). Il-Kummissjoni se tkompli wkoll tiġbor id-dejta amministrattiva dwar l-istazzjonar imsejsa fuq id-dejta dwar is-sigurtà soċjali. Fir-rigward tal-frekwenza tal-użu, dawn l-indikaturi se jiġu ppreżentati u diskussi regolarment fl-ECPW, u se jiffurmaw ukoll parti mis-sett ta' indikaturi li għandhom jintużaw fl-evalwazzjoni msemmija hawn taħt.

9.2. Evalwazzjoni

Ħames snin wara l-iskadenza għat-traspożizzjoni se ssir evalwazzjoni kontinwa. Din se tikkonċentra prinċipalment fuq il-valutazzjoni tal-effettività inizjali tad-Direttiva kif modifikata. Se ssir enfasi fuq l-analiżi ta' arranġamenti ta' kooperazzjoni msaħħa bejn l-Istati Membri u l-kwalità tat-tagħrif miksub permezz ta' dawn l-arranġamenti. Din l-evalwazzjoni se ssir mill-Kummissjoni bl-għajnuna tal-esperti esterni. It-termini ta' referenza se jiġu żviluppati mill-Kummissjoni. Il-partijiet interessati se jkunu mgħarrfa u mistiedna jikkumentaw dwar it-termini ta' referenza permezz tal-ECPW, u se jiġu wkoll mgħarrfa regolarment dwar il-progress tal-evalwazzjoni u s-sejbiet tagħha. Is-sejbiet se jkunu disponibbli għall-pubbliku.